

# Festa Santa Marija

2023



PROGRAMM
TAL-FESTI SOLENNI F'ĠIEĦ

# SANTA MARIJA

PATRUNA TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX
U PATRUNA SPEĊJALI TAL-GŻEJJER MALTIN,
TITULAR TAL-MATRIĊI, KOLLEĠĠJATA
INSINJI, SANTWARJU U KATIDRAL
TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

*f'għeluq l-400 sena mit-twaqqif*
*mill-ġdid tal-Kolleġġjata tal-Matriċi*
*u Katidrali ta' Għawdex*
1623 – 2023

Mid-29 ta' Lulju sal-15 ta' Awwissu 2023

## IS-SIBT, 29 TA' LULJU

**7:30pm** Serata mużikali u storika mtellgħa mill-Kapitlu Katidrali, fl-okkażjoni tal-400 sena mit-twaqqif mill-ġdid tal-imsemmi Kapitlu fil-Matriċi u Katidral ta' Għawdex, taħt il-patroċinju tal-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma. Matulha jiġu esegwiti kompożizzjonijiet mużikali mill-arkivju tal-Katidral fuq arranġamenti ta' Joseph Debrincat, *Maestro di Cappella*.

## IL-ĦADD, 30 TA' LULJU
## ĦRUĠ MIN-NIĊĊA

*Il-ħinijiet tal-quddies ikun bħal nhar ta' Ħadd ħlief il-quddiesa tal-11:30am li ssir f'12:00pm.*

**10:00am** Quddiesa bl-omelija ppreseduta minn Mons. Arċipriet Joseph Sultana bis-sehem tal-Aurora Youth Choir.

**10:00am** Marċ mill-Banda Ċittadina Leone mill-każin l-antik sal-Katidral.

**11:00am Ħruġ tradizzjonali tal-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija min-niċċa fost il-kant tal-innijiet Marjani, bis-sehem tal-Banda Ċittadina Leone.**

*Illum issir il-ġabra speċjali tal-festa.*

## IT-TNEJN, 31 TA' LULJU
### L-1 JUM TAL-KWINDIĊINA
### JUM L-GĦAQDIET RELIĠJUŻI U SOĊJALI FIL-PARROĊĊA

*Kull filgħodu r-Rev.mu Kapitlu Katidrali jmexxi Konċelebrazzjoni solenni tal-kwindiċina fis-7:30am (mit-Tnejn sas-Sibt) u fit-8:00am (fil-ħdud) sal-14 ta' Awwissu, lejlet il-festa.*

**6:30pm** L-Em.T. il-Kardinal Mario Grech flimkien mar-Rev.mu Kapitlu Katidrali jippresiedi Pontifikal Solenni fl-okkażjoni tal-400



sena mit-twaqqif tal-Kapitlu Katidrali mill-ġdid u li bih jiftaħ il-jiem tal-Kwindiċina bi tħejjija għall-Għid tal-Assunta. Tanima l-liturġija l-*Cappella Sanctae Mariae Assumptae.* Mistiedna l-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, l-Azzjoni Kattolika, il-Leġjun ta' Marija, il-membri tal-MUSEUM subien u bniet, il-Grupp tal-Lectio Divina, il-Komunità Ewkaristika u l-għaqdiet reliġjużi l-oħra.

## IT-TLIETA, 1 TA'AWWISSU

### IT-2 JUM TAL-KWINDIĊINA

### JUM IL-BENEFATTURI U L-PARRUĊĊANI MEJTIN

**6:30pm** Quddiesa ppreseduta mill-Vigarju Parrokkjali Dun Daniel Sultana skont l-intenzjoni tal-parruċċani li mietu matul din l-aħħar sena, bis-sehem tal-familjari tagħhom.

**7:30pm** Logħob għat-tfal fi Pjazza Katidral u Treasure Hunt għall-adolexxenti fiċ-Ċittadella. *Meħtieġa l-biljetti għall-ikel tat-tfal.*

## L-ERBGĦA, 2 TA'AWWISSU

### IT-3 JUM TAL-KWINDIĊINA U L-14-IL ERBGĦA

### JUM IS-SOLIDARJETÀ U L-CARITAS PARROKKJALI

**6:30pm** Quddiesa ppreseduta minn Dun Anton Grech, missjunarju fil-Gwatemala, bis-sehem tal-Aurora Folk Group li din is-sena qed ifakkar il-50 sena mit-twaqqif tiegħu. Mistiedna r-residenti ta' Dar Arka, flimkien mal-anzjani u r-romol tal-parroċċa. Wara *get together* fi Pjazza Katidral organizzat mill-*Caritas* Parrokkjali.

## IL-ĦAMIS, 3 TA'AWWISSU

### IR-4 JUM TAL-KWINDIĊINA

### JUM IT-TFAL

**5:30pm** Tibda attività ta' tħejjija għall-quddiesa mit-tfal fl-annexe.



**6:30pm** Quddiesa ppreseduta minn Dun Matthew Bajada bis-sehem tat-tfal u l-katekisti tal-parroċċa. Tanima ċ-ċelebrazzjoni l-*Leone Music Ensemble*. Jiġu ppremjati l-aħjar tifel jew tifla minn kull klassi tal-katekiżmu parrokkjali.
**7:30pm** Logħob organizzat mill-S.K. Victoria Wanderers għall-etajiet differenti ta' tfal, fi Pjazza Katidral.
*Meħtieġa l-biljetti għall-ikel tat-tfal.*

## IL-ĠIMGĦA, 4 TA'AWWISSU

### IL-5 JUM TAL-KWINDIĊINA

### JUM IL-VOKAZZJONIJIET

**6:30pm** Quddiesa ppreseduta mill-Vigarju Parrokkjali Dun Joseph Attard li matulha ssir il-vestizzjoni tal-abbatini ġodda. Mistiedna wkoll l-eks abbatini li servew fil-Katidral bħala abbatini matul is-snin. Wara riċeviment tal-okkażjoni għalihom.

## IS-SIBT, 5 TA'AWWISSU

### IS-6 JUM TAL-KWINDIĊINA

### JUM IL-ĦAJJA

**4:00pm** Tiġrijiet Nazzjonali u Tradizzjonali tal-Bhejjem tul Triq ir-Repubblika.
**6:30pm** Quddiesa ppreseduta minn Mons. Maximillian Grech li matulha ssir il-preżentazzjoni tat-trabi li twieldu f'din l-aħħar sena, taħt il-ħarsien ta' Santa Marija. Janima l-liturġija Mario Caruana.

## IL-ĦADD, 6 TA'AWWISSU

### IS-7 JUM TAL-KWINDIĊINA

### JUM IL-PARROĊĊA U S-SOĊJETÀ LEONE

**10:00am** Quddiesa ppreseduta minn Dun Anthony Mario Saliba bis-sehem tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Leone u l-fergħat



tagħha. Mistiedna wkoll il-fratelli u r-reffiegħa tal-istatwa ta' Santa Marija.

**7:15pm** Quddiesa ppreseduta mill-Arċipriet Joseph Sultana, li għaliha huma mistiedna l-koppji li qed jiċċelebraw il-25, l-40, il-50 u s-60 anniversarju taż-żwieġ tagħhom, flimkien mal-koppji li żżewwġu matul din l-aħħar sena. Janima l-liturġija Mario Caruana.

**8:15pm** Ikla Tradizzjonali tal-Festa fil-Każin tal-Banda Leone.

*Il-biljetti jinkisbu minn fuq 7982 3789.*

## IT-TNEJN, 7 TA'AWWISSU

### IT-8 JUM TAL-KWINDIĊINA

### JUM IS-SAĊERDOZJU

**6:30pm** Quddiesa ppreseduta minn Mons. Lawrenz Sciberras b'radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. Jikkonċelebraw ukoll is-saċerdoti djoċesani li qegħdin jiċċelebraw il-ġublew tad-deheb u tal-fidda tas-saċerdozju tagħhom.

**9:00pm** Laqgħa ta' talb u katekeżi għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti tal-parroċċa minn Dun Carl Scerri.

## IT-TLIETA, 8 TA'AWWISSU

### ID-9 JUM TAL-KWINDIĊINA

### JUM IR-RIKONĊILJAZZJONI U L-MAĦFRA

**6:30pm** Ċelebrazzjoni Penitenzjali komunitarja bis-sagrament tal-qrar immexxija minn Patri Marcello Ghirlando OFM li tagħlaq bil-Barka Ewkaristika. Ikollna diversi konfessuri barranin għall-qrar. Janima l-kant Mario Caruana.

**7:30pm** *Train Ride* għat-tfal bit-tluq minn Pjazza Savina.

*Għal din l-attività huma meħtieġa l-biljetti.*



## L-ERBGĦA, 9 TA'AWWISSU

### L-10 JUM TAL-KWINDIĊINA U L-15-IL ERBGĦA

### JUM IL-PARRUĊĊANI RESIDENTI F'LOKALITAJIET OĦRA

**10:00am** Quddiesa ppreseduta mill-Kan. John Meilak li għaliha mistiedna l-anzjani tal-parroċċa u anzjani residenti fid-djar tal-anzjani.

**6:30pm** Quddiesa ppreseduta minn Dun Mario Mercieca Pavia li għaliha mistiedna l-parruċċani residenti 'l barra mill-Belt Victoria.

**9:00pm** **Leone Band in Concert •** *Jubilee Edition*. Programm Mużikali tal-Festa mill-Banda Ċittadina Leone taħt id-direzzjoni tas-surmast Colin Attard fi Triq ir-Repubblika. Il-kunċert jintemm bl-esekuzzjoni tal-Innu l-kbir *Per La Festa di Maria Assunta in Cielo* (1913) ta' Orlando Crescimanno, bis-sehem tat-tenur, il-baritonu u l-Aurora Youth Choir.

## IL-ĦAMIS, 10 TA'AWWISSU

### IL-11-IL JUM TAL-KWINDIĊINA

### VELJA TAL-ASSUNTA

**6:30pm** Quddiesa.

**8:00pm** **Fi Pjazza Katidral tinżamm il-velja ta' talb, katekeżi u kant bi tħejjija għas-solennità tal-Għid tal-Assunta fejn tinħareġ l-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fil-bieb tal-Katidral. Il-velja tagħlaq bil-Barka Ewkaristika**

## TRIDU SOLENNI

*Fil-jiem tat-Tridu u fil-Festa, fuq stedina tal-Kapitlu Katidrali ġew mistiedna diversi isqfijiet u kapitli fl-400 sena mit-twaqqif mill-ġdid tal-Kapitlu fil-Matriċi u Katidral ta' Għawdex*



## IL-ĠIMGĦA, 11 TA'AWWISSU

### IT-12-IL JUM TAL-KWINDIĊINA

### L-EWWEL JUM TAT-TRIDU SOLENNI

**6:30pm** Kant solenni tal-Għasar mir-Rev.mu Kapitlu Katidrali ppresedut mill-E.T. Mons. Arċisqof George Frendo O.P., u kurunella.

**7:00pm** Konċelebrazzjoni solenni tal-ewwel jum tat-Tridu ppreseduta mill-E.T. Mons. Arċisqof George Frendo O.P., bil-prietka tat-Tridu mill-Kan. Simon Mario Cachia, Kappillan tas-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana.

**8:00pm** Innu *O Prima Virgo*, Antifona u Barka Sagramentali minn Mons. Franġisk Sultana.

**9:30pm** Marċ mill-Banda Ċittadina Leone u l-Banda San Girgor (ta' Kerċem) bl-istatwa ta' Santa Marija (2008) li jitlaq miz-zuntier tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u jgħaddi mit-toroq Kapuċċini, Patri Manwel Magri, Dirjanu Lanzon, Sir Luigi Camilleri u Exchange. Wara, l-istatwa ta' Santa Marija tittellgħa fuq il-pedestal monumentali tagħha quddiem il-każin bid-daqq tal-innu marċ. Il-marċ jintemm bi spettaklu ta' logħob tan-nar tal-art fi Triq ir-Repubblika.

## IS-SIBT, 12 TA'AWWISSU

### IT-13-IL JUM TAL-KWINDIĊINA

### IT-TIENI JUM TAT-TRIDU SOLENNI

**6:30pm** Kant solenni tal-Għasar mir-Rev.mu Kapitlu Katidrali ppresedut mill-E.T. Mons. Carmelo Zammit, Isqof ta' Ġibilta, u kurunella.

**7:00pm** Konċelebrazzjoni Solenni tat-tieni jum tat-Tridu ppreseduta mill-E.T. Mons. Carmelo Zammit, Isqof ta' Ġibiltà, bil-



prietka tat-Tridu mill-Kan. Simon Mario Cachia, Kappillan tas-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana.

**8:00pm** Innu *O Prima Virgo*, Antifona u Barka Sagramentali minn Mons. Dr. Joe Bezzina.

**9:30pm** Marċ grandjuż mill-Banda Ċittadina Leone u l-Banda San Ġużepp (Ħal Għaxaq) li jibda minn Triq Gedrin u jgħaddi minn Triq Sant' Ursola. Fi Pjazza Savina l-marċ jidħol bil-briju, u jgħaddi minn Pjazza Indipendenza u jinżel lejn il-każin tal-banda fi Triq ir-Repubblika.

**12:00am** Il-marċ jintemm b'marċi brijużi, nar tal-ajru minn fuq il-bjut u *street party* quddiem il-każin fi Triq ir-Repubblika.

## IL-ĦADD, 13 TA'AWWISSU

### L-14-IL JUM TAL-KWINDIĊINA

### IT-TIELET JUM TAT-TRIDU SOLENNI

**6:30pm** Kant solenni tal-Għasar mir-Rev.mu Kapitlu Katidrali mill-E.T. Mons. Arċisqof Alfred Xuereb, u kurunella.

**7:00pm** Konċelebrazzjoni solenni tat-tielet jum tat-Tridu ppreseduta mill-E.T. Mons. Arċisqof Alfred Xuereb bil-prietka tat-Tridu mill-Kan. Simon Mario Cachia, Kappillan tas-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana.

**8:00pm** Innu *O Prima Virgo*, Antifona u Barka Sagramentali mill-Arċipriet Mons. Joseph Sultana.

**9:30pm** Marċ mill-Banda Ċittadina Leone u l-Banda Santa Marija (iż-Żebbuġ) fi Triq ir-Repubblika. Il-Banda Ċittadina Leone ssellem lill-istatwa ta' Santa Marija (1956) quddiem il-każin tal-banda bid-daqq tal-innu marċ '*Lil Santa Marija Assunta*', versi ta' Ġanninu Cremona u mużika ta' Vincenzo Ciappara. Spettaklu ta' nar minn fuq il-bejt tal-każin.



**10:00pm** Il-Banda Ċittadina Leone u l-Banda Santa Marija (iż-Żebbuġ) jakkumpanjaw f'dimostrazzjoni solenni l-istatwa ta' Santa Marija (1956) tul Triq ir-Repubblika sa Pjazza Indipendenza.
**12:00am** Tlugħ solenni u devot tal-istatwa ta' Santa Marija fuq il-pedestal bil-kant tal-innijiet Marjani u l-innu marċ, segwit minn spettaklu ta' nar minn fuq il-bjut fi Pjazza Indipendenza.

## IT-TNEJN, 14 TA'AWWISSU
### IL-15-IL JUM TAL-KWINDIĊINA
### LEJLET IL-FESTA

**7:30am** Konċelebrazzjoni solenni mir-Rev.mu Kapitlu Katidrali bil-kant tat-*Te Deum* f'għeluq il-kwindiċina u t-Tridu solenni.
**10:00am** Quddiesa għat-tfal kollha tal-parroċċa minn Dun Massimo Buttigieg, bl-omelija mid-djaknu Matthew Borg u bis-sehem tal-Aurora Youth Choir.
**11:00am** Parata tat-tfal bil-bandiera tal-każin bl-akkumpanjament tal-Banda Ċittadina Leone mill-Katidral sal-każin.
**12:00pm** Party għat-tfal kollha fil-każin tal-Banda Leone, b'animazzjonijiet u divertiment għalihom.

## VĠILI TAS-SOLENNITÀ TAL-GĦID TAL-ASSUNTA

**5:30pm** Marċ mill-Banda Ċittadina Leone minn Pjazza Savina.
**6:00pm Translazzjoni Pontifikali tar-Relikwija tal-Madonna mill-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma, mill-Knisja tal-Adorazzjoni ta' Savina għall-Katidral, bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu Katidrali u delegazzjoni mill-Kapitli tad-Djoċesi ta' Għawdex, l-abbatini, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-parroċċa, bl-akkumpanjament ta' marċi reliġjużi mill-Banda Ċittadina Leone. Ċelebrazzjoni Pontifikali tal-Ewwel**



**Għasar tas-Solennità ppreseduta minn Mons. Isqof Anton Teuma, isqof ta' Għawdex. Kant tas-Salve Regina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.**

**7:30pm Pontifikal Solenni ta' Radd il-Ħajr lil Alla fl-okkażjoni tat-48 anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-inkwatru titulari tal-Assunta, ippresedut mill-E.T. Mons. Charles Jude Scicluna, Arċisqof ta' Malta, flimkien ma' delegazzjoni tal-Kapitlu Metropolitan tal-Katidral tal-Imdina.**

**9:30pm** Marċ trijonfali matul Triq ir-Repubblika bis-sehem tal-Banda Ċittadina Leone u l-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Mużikali Pinto (Ħal Qormi). Il-marċ jiftaħ bi spettaklu tan-nar tal-ajru minn fuq il-bjut.

**1:00am** Wasla tal-marċ trijonfali ta' lejlet il-festa fi Pjazza Savina u konklużjoni ċelebrattiva bi spettaklu viżwali u nar sinkronizzat mal-mużika organizzat mill-*Għaqda Żgħażagħ Iljuni.*

## IT-TLIETA, 15 TA'AWWISSU
## JUM IS-SOLENNITÀ TAL-GĦID TAL-ASSUNTA

*Orarju tal-quddies fil-Katidral f'jum Santa Marija:*

***5:00am 6:00am, 7:00am, 8:00am, 9:00am (Pontifikal), 11:00am, 12:00pm, 5:00pm (bl-ingliż) u 8:30pm.*** *Ikun hemm servizz tal-qrar matul il-jum.*

**9:00am Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni ppreseduta mill-l-E.T Mons. Arċisqof Savio Hon Tai-Fai, Nunzju Appostoliku għal Malta, flimkien mal-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma, ir-Rev.mu Kapitlu Katidrali, il-Presbiterju Parrokkjali, ir-Reliġjużi tal-Belt Victoria u s-Seminaristi tad-Djoċesi. Fi tmiem il-Pontifikal jiġi mogħti *Ġieħ il-Parroċċa tal-Katidral* u tingħata**



**l-Barka Appostolika bir-rebħ tal-Indulġenza Plenarja.**

**11:00am** Quddiesa mill-Vigarju Parrokkjali Dun Daniel Sultana għall-familji u t-tfal tal-parroċċa.

**11:00am** Marċ popolari u tradizzjonali fil-qalba tal-Belt Victoria bis-sehem tal-Baned 12th May (Ħaż Żebbuġ) u l-Banda San Ġużepp (Ħal Għaxaq).

**11:30am** Tqassim ta' premjijiet fil-wirja ta' Santa Marija fil-Ġnien *Villa Rundle*.

**2:15pm** Tmiem il-marċ popolari u tradizzjonali ta' filgħodu fi Pjazza Indipendenza bi spettaklu tan-nar u dħaħen tal-kulur sinkronizzat mal-mużika, organizzat mill-*Għaqda Żgħażagħ Iljuni.*

**6:00pm Kant solenni tat-Tieni Għasar tas-Solennità mir-Rev.mu Kapitlu Katidrali.**

**6:00pm** Marċ mill-Banda Victory (ix-Xagħra) mill-każin l-antik sa Pjazza Katidral.

**6:45pm Ħruġ Solenni tal-Purċissjoni bl-istatwa devota u artistika ta' Santa Marija bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu u Kleru tal-Katidral, ir-Reliġjużi, is-Seminaristi tad-Djoċesi, l-abbatini u l-fratellanzi tal-parroċċa. Il-Banda Ċittadina Leone ssellem lil Santa Marija bl-innu reliġjuż *Warda Sbejħa tar-Rebbiegħa* (1992) ta' Colin Attard u wara tesegwixxi l-Innu Immortali *Per La Festa Di Maria Assunta In Cielo* (1913) ta' Orlando Crescimanno fuq versi tal-Professur Ramiro Barbaro di San Giorgio. Il-Banda Ċittadina Leone takkumpanja l-purċissjoni solenni bid-daqq ta' marċi reliġjużi u innijiet marjani**.

**8:00pm** Marċ mill-Banda San Ġużepp (Għajnsielem) mill-każin tal-Banda Leone sa Pjazza Katidral fejn tesegwixxi programm mużikali.



**8:00pm** Programm mużikali mill-Banda Victory (ix-Xagħra) fuq il-planċier fi Pjazza Indipendenza.
**10:00pm** Spettaklu meraviljuż u singulari tal-logħob tan-nar tal-ajru minn fuq l-Għolja ta' Gelmus, ikkordinat mill-Vampa Organisations.
**10:30pm** **Tislima lill-Assunta mill-poplu Għawdxi kollu, flimkien mal-Maltin u l-barranin miġburin fiċ-Ċittadella, fid-dħul solenni, devot u uniku tagħha. Isir *aux flambeaux* u barka ewkaristika fi Pjazza Katidral. Wara, dħul solenni tal-istatwa ta' Santa Marija lura fil-Katidral.**

## NOTAMENTI

### QUDDIES U SAGRAMENTI

Nieħdu sehem bi ħġarna fl-attivitajiet kollha li ser isiru u ma nħallux barra s-Sagramenti. Inħarsu jum l-Assunta bi qrara u tqarbina sinċiera.

### MUŻIKA SAGRA FIL-KATIDRAL

• L-għosrien u l-quddies fil-jiem tat-Tridu jkunu animati mill-*Cappella Sanctae Mariae Assumptae* taħt id-direzzjoni ta' Matthew Sultana, direttur tal-kor u Ivan Attard, organista.
• L-Innu tat-Tridu *O Prima Virgo* (1956) ta' Ġanni Vella, l-Antifona u l-Barka jiġu esegwiti mill-*Cappella Sanctae Mariae Assumptae* flimkien mas-solisti u l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Debrincat, *Maestro di Cappella*.
• Lejlet u nhar il-Festa jiġu esegwiti fost l-oħrajn l-*Ave Maris Stella* (1856) ta' M. de Ferraris, l-Antifona *Hodie Maria Virgo* (1842) ta' C. Vassallo, primi Vespri ta' L. Perosi, *Litaniae* ta' D. Amore u *Salve Regina* ta' F. De Cesare u A. Buhagiar. Dawn jigu esegwiti mill-*Cappella Sanctae Mariae Assumptae*, flimkien mas-solisti u l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Debrincat, *Maestro di Cappella*.
• Fil-Pontifikal tal-Festa tiġi esegwita l-Missa *Maria in Coelos Assumpta* ta' Mro. Ray Sciberras, miktuba fuq xewqa u b'tifkira ta' Maria Theuma. Jiġu esegwiti wkoll l-Innu *Assumpta est Maria* mużika ta' Mro. Joseph Debrincat u



versi ta' Dun Anthony Mario Saliba, u l-innu *Is-Sultana tal-Paċi* ta' Mro. Colin Attard. Il-pontifikal ikun animat mill-*Cappella Sanctae Mariae Assumptae*, flimkien mas-solisti u l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Debrincat, *Maestro di Cappella*.

• L-*Aurora Youth Choir* ikun taħt id-direzzjoni ta' Matthew Sultana.

## XANDIR

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa flimkien ma' programmi oħra ta' attwalità, storja, kultura u fidi, ikunu mxandra fuq Radju Katidral – 90.9FM stereo. Iċ-ċelebrazzjonijiet kollha f'dan il-programm ikunu *live-streamed* fuq l-internet fuq is-sit *www.radjukatidral.com* u fuq Gozo Cathedrali, il-midja soċjali tal-parroċċa.

## IT-TIFKIRIET TAL-FESTA

Il-festa tibqa' ħajja fit-tifkiriet li l-fergħat joħorġu b'interess partikulari għall-kollezzjonisti. Ir-rivista parrokkjali annwali *Il-Għid tal-Assunta* maħruġa mill-Parroċċa tal-Katidral u l-Ktieb *Festa Santa Marija 2023* mis-Soċjetà Filarmonika Leone, programmi ta' tifkira mill-Għaqda Armar Santa Marija u mill-Vampa Organisations, u l-flokkijiet tal-festa.

## OPRI ĠODDA FIL-KATIDRAL

• Siġġijiet ġodda għall-korsija tal-Katidral, xogħol fl-injam mill-FXB Ltd, u mħallsa mill-benefatturi.

• Bidu ta' restawr u konservazzjoni fuq l-inkwatri laterali tal-kor, xogħol tal-pittur Michele Busuttil, mid-ditta ReCoop-The Restoration and Conservation Coop Ltd.

• Xogħol ta' restawr u bini tal-kamra tat-Taraġ tal-Palazz tal-Isqof Cagliares, li jagħmel parti mill-Kappella ta' San Ġużepp taċ-Ċittadella.

• Loop system madwar il-Katidral maħduma minn Patrick Camilleri u Robert Camilleri u ffinanzjata mill-Ministeru għal Għawdex.

• Sett ta' 16-il pjaneta Marjana għaċ-ċelebrazzjonijiet Marjani fil-Katidral.

• Restawr tal-linfa tan-nava tan-nofsinhar, quddiem is-sagristija maġġuri, mid-ditta Pisani Ltd.

• Tkomplew il-fjuretti tal-ganutell għall-artali ta' Sant'Ursola u l-artal ta' San



Franġisk ta' Paola.
• Induratura bid-deheb fuq loppa tal-lampieri tan-navi minn Reuben Farrugia.
• Installazzjoni ta' fire extinguishers madwar il-Katidral kollu.
• Mozzetti ġodda għall-fratelli tal-fratellanzi ta' Santa Marija u tas-Santissmu Sagrament fuq disinn ta' Manwel Grech u x-xogħol tar-rakkmu minn George Zammit & Sons, tal-Belt Valletta. Il-ħjata saret minn Marlene Portelli u l-helpers nisa tal-parroċċa.
• Restawr fuq iż-żewġ mensoli tal-artal maġġur li jintramaw fil-festa titulari u fil-Milied. Xogħol ta' brix u induratura sar minn Darren Vella u l-irħamar sar minn Ian Paul Bajada.

## Opri Ġodda mill-Għaqda Armar Santa Marija fi ħdan Soċjetà Filarmonika Leone

• Xogħol ta' żebgħa u rħamar tal-pedestal il-kbir ta' Santa Marija li jintrama fi Pjazza Indipendenza, xogħol volontarju mill-membri tal-Għaqda Armar Santa Marija.
• Tlestija tal-induratura bid-deheb (23.5 karat) fuq l-iskultura tal-pedestal il-kbir li jintrama fi Pjazza Indipendenza.
• Kanċell ġdid fuq disinn tal-artist Manwel Grech għal madwar il-pedestal il-kbir ta' Santa Marija li jintrama fi Pjazza Indipendenza, xogħol volontarju mill-membri tal-Għaqda Armar Santa Marija.
• Manutenzjoni tal-pavaljuni tad-dawl ta' Triq ir-Repubblika, xogħol volontarju mill-membri tal-Għaqda Armar Santa Marija.
• Bdil tal-bozoz tal-pavaljuni tat-Telgħa tal-Belt għal bozoz LED's.
• Xogħol ta' manutenzjoni fuq l-arbli li jintramaw fit-Telgħa tal-Belt, xogħol volontarju mill-membri tal-Għaqda Armar Santa Marija.
• Pittura ġdida tan-nativitá, xogħol tal-artist Paul Falzon għal bandalora fi Pjazza Katidral.

## Kmamar tan-Nar għall-Festa ta' Santa Marija

Kamra tan-nar San Sebastjan, Ħal Qormi
Kamra tan-nar San Ġużepp, Ħal Għaxaq
Kamra tan-nar Madonna tal-Karmnu, iż-Żurrieq
Kamra tan-nar 25 ta' Novembru, iż-Żejtun
Kamra tan-nar Madonna tal-Ġilju, l-Imqabba
Kamra tan-nar Santa Marija, il-Qrendi
Kamra tan-nar San Mikiel, Ħal Lija
Kamra tan-nar *12th May*, Ħaż-Żebbuġ
Kamra tan-nar Sant'Indrija, l-Unjoni, Ħal Luqa
Kamra tan-nar Qalb ta' Ġesù Fontana Brothers, l-Għarb

**Ittajpjar, Disinn u Issettjar**
George Mercieca

**Ritratti**
Paul Camilleri, CVC, George Falzon,
Jeremy Scicluna

**Ritratti tal-Qoxra**
Jeremy Scicluna

**Stampar**
Playpen Digital Printing
Triq Taħt Putirjal, il-Belt Victoria

**Maħruġ**
**mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Katidral**
Pjazza Katidral, Iċ-Ċittadella, Victoria
VCT 1822 Għawdex, Malta
(+356) 21554101
**f:**www.facebook.com/gozocathedral/
**w:** www.gozocathedral.mt/

b'kollaborazzjoni
**mas-Soċjetà Filarmonika Leone**
100, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Victoria
VCT 1017 Għawdex, Malta
(+356) 21562559
**f:** www.facebook.com/socjetaleone
**e:** info@leone.org.mt
**w:** www.leone.org.mt